MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1496/2001/1

**Bernardette Cilia, gja Zammit Cilia**

**vs**

**Mario Zammit**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu gewwa l-Imdina, fil-5 ta' Awissu 1995 (Dok. "A");

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi *in oltre*, l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi *in oltre* l-konvenut issimula l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu gewwa l-Imdina, fil-5 ta' Awissu 1995 huwa null u bla effett skond il-ligi.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fil-5 ta' Awissu 1995 huwa null u bla effett legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-22 ta' Jannar 2002 a fol. 11 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponent jaqbel illi z-zwieg li ghaddew mic-cerimonja tieghu il-kontendenti huwa null u inattendibbli izda mhux minhabba r-ragunijiet allegati mill-attrici; illi r-ragunijiet allegati mill-attrici qed jigu kontestati bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, izda l-eccipjent qed jipprocedi

rikonvenzjonalment sabiex jitlob dikjarazzjoni ta’ nullita` ta’ zwieg fuq bazijiet fil-kontro-talba.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 12 u 13 tal-process;

Rat il-kontro-talba rikonvenjonali tal-konvenut tat-22 ta’ Jannar 2002 fejn espona:-

1. Illi l-partijiet ghaddew minn rit u cerimonja ta’ zwieg fil-5 ta’ Awissu 1995 u bejniethom kellhom tifel minorenni Sam;

2. Illi z-zwieg kontrattat kien null u attendibbli u minghajr effett peress illi l-kunsens tal-kontendenti gie miksub b’qerq ta’ kwalita’ ta’ parti li tista’ mix-xorta taghha serjament tfixkel il-hajja taz-zwieg;

3. Illi z-zwieg kontrattat kien null u inattendibbli billi l-kunsens ta’ l-attnici rikonvenuta kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg u jew b’anomalija psikologika li taghmilha impossibbli lil dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg,

4. Illi ghalhekk iz-zwieg kien null u inatendibbli u dan a tenur ta’ l-**artikolu 19 (c) u 19 (d) tal-Kap 255**,

Illi ghalhekk jghid l-istess attur ghaliex din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi ghar-ragunijiet fuq esposti:-

1. Illi z-zwieg kontratt bejn il-partijiet fil-5 ta’ Awissu 1995 kien null minghajr effett u ghalhekk inattendibbli.

Bl-ispejjez u l-attrici ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenjent tat-22 ta’ Jannar 2002 a fol. 15;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut a fol. 17 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti taqbel illi hemm lok ghall-annullament taz-zwieg taghha u pprezentat din il-kawza propju ghal dan l-iskop.

2. Illi l-eccipjenti thoss illi l-komportament taghha matul iz-zwieg kien jikkonforma ma’ dak generalment meqjus bhala normali izda billi hija ma thosshiex kapaci tiggudika lilha nnifisha, hija tirrimetti ruhha ghall-gudizzju ta’ din il-Qorti dwar dak premess mill-konvenut fil-konfront taghha.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda tat-30 ta’ Jannar 2002 a fol. 18 u 19 tal-proces;

Rat l-avviz tas-6 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti datati 18 ta’ April 2002 fejn gie pprezentat l-affidavit attrici u inghata digriet ta’ l-affidavit tal-konvenut b’ terminu ta’ tletin (30) jum; tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn gie estiz iz-zmien ghall-prezentata ta’ l-affidavits tal-partijiet b’sittin (60) gurnata u gie nominat Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju;
Rat in-nota ta’ l-attrici ta’ l-20 ta’ Awissu 2002 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit ta’ ommha, Therese Cilia;

Rat in-nota tal-konvenut tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess;

Rat in-nota tal-konvenut tat-13 ta’ Novembru 2002 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavits ta’ Adrian u Elaine konjugi Vella, Nathalie Ellul, Martin Ellul u Dr. Konrad Zammit;

Rat in-nota tal-konvenut tat-2 ta’ Dicembru 2002 fejn biha pprezenta l-affidavit ta’ missieru, Vincent Carmel Zammit;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Jannar 2003; tad-29 ta’ Jannar 2003; tat-12 ta’ Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Novembru 2003;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** fl-affidavit taghha ssostni:-

*“Illi jiena ltqajt mal-konvenut fl-ahhar ta’ Ottubru 1990 waqt party gewwa diskoteka. Dak iz-zmien jiena kelli ghoxrin sena u l-konvenut kellu hamsa u ghoxrin sena. Qabel dakinhar jiena ma’ kontx nafu lill-konvenut. Imbaghad sussegwentement il-konvenut dahal gol klikka illi kont niffrekwenta u konna nohorgu flimkien mal-grupp ghal madwar xahar, wara liema perjodu bdejna nohorgu wahedna ma’ koppja ohra fl-istess grupp ta’ hbieb.*

*Illi jiena ghall-bidu kont hadt impressjoni tajba tal-konvenut ghaliex huwa bniedem intelligenti u infatti kien gie l-ewwel wiehed fl-Universita` fil-fakolta` tad-dentistrija. In oltre, kien jidher guvni migbur, minn familja tajba u mohhu fix-xoghol.*

*Illi nghid illi qabel ma ltqajt mal-konvenut jiena qatt ma kont f’relazzjoni serja jew gharusa lil xi gurvni iehor pero` kelli relazzjonijiet qosra, filwaqt illi l-konvenut irrakkontali illi xi zmien qabel ma ltaqa` mieghi huwa kien madwar erba’ snin f’relazzjoni ma’ tfajla ohra. Pero’ l-konvenut kien qalli wkoll illi huwa kellu jhassar din ir-relazzjoni minhabba*

*pressjoni tal-ġenituri tiegħu fuqu għax huma ma' riduhiex lil din it-tfajla nonostante l-fatt illi kienet tfajla bil-għaqal u ħabrieka.*

*Illi l-konvenut kien qalli illi din it-tfajla ma' kenetx ġejja minn famlija sinjura u kien għalhekk illi l-ġenituri tiegħu ma' kenux rieduh jkompli rrelazzjoni magħha. Il-konvenut kien jsemmili din it-tfajla u r-raġunijiet għaliex kellu jitlaqha diversi drabi matul ir-relazzjoni u żwieġ tagħna. Il-konvenut u kif ukoll sussegwentement ħutu u qrabatu, kienu kemm ildarba jgħiduli illi l-ġenituri tal-konvenut kienu għamlu minn kollox sabiex jitlaq lit-tfajla li kellu, bl-isem ta' Lilian u li l-konvenut kien għamel perjodu twil wara llii kien ħassar din ir-relazzjoni mweġġa' b'dak illi kien mġiegħel jagħmel. Din il-kwistjoni kienet iddejjaqni għaliex kien qisu għadu marbut mal-passat.*

*Illi xi żmien wara li ltqajna, il-konvenut qalli illi appena huwa kien informa lill-ġenituri tiegħu illi huwa kien qiegħed joħroġ miegħi. huma staqsewh fejn kont noqgħod sabiex jagħmel l-investigazzjonijiet li għalihom kienu neċessarji sabiex jkunu aċċertati illi jiena kont tifla sew u li kont niġi mill-istess klassi soċjali tagħhom. Jiena meta qalli dan il--kliem kont irrabjajt ħafna għax il-familja tiegħi qatt ma' rabbietni naħseb b'dan il-mod u l-konvenut kien ipprova jiskuża lill-ġenituri tiegħu billi jgħid illi probabilment huma kienu qegħdin jagħmlu dan għall-ġid tiegħu.*

*Illi l-ewwel ma' lqajt kien ma' ħutu u l-familja tagħha, kont mistiedna għat-te' għandha u niftakar illi l-konvenut kien qalli illi dawn kienu ħadu impressjoni tajba ħafna tiegħi u infatti ftit wara ġejt mistiedna għand il-ġenituri tiegħu. Din il-ġurnata ma' ninsiha qatt għaliex kienet laqgħa formali ħafna, in fatti niftakar illi kelli seba' mitt sena sakemm noħroġ 'l barra. Niftakar illi ommu kienet il-ħin kollu tisforzani biex niekol meta kienu l-erbgħa ta' wara nofsinhar u ħin it-te' u aħna konna kollha fil-kamra ta' l-ikel bil-qegħda formalment.*

*Illi kull darba illi morna naraw lill-ġenituri tal-konvenut dejjem konna rridu ninfurmawhom li sejrin u ma' stajniex immorru għandhom bla ma' jkunu hemmhekk huma. In*

*oltre omm il-konvenut dejjem kienet trid illi meta mmorru ahna, nsibha fi stat tajjeb u mhux meta tkun qeghda taghmel il-facendi tad-dar. Nghid illi omm il-konvenut kienet tbati hafna bl-apparenzi li l-konvenut kien hafna drabi jgerger dwar il-karattru dominanti ta' ommu. Minn naha l-ohra, missier il-konvenut kien bniedem kwiet u kellu relazzjoni tajba man-nies.*

*Illi wara sitt xhur ahna ddecidejna illi nitgharrsu u in fatti konna ghamilna riceviment id-dar tal-genituri tieghi. Ried li l-libsa nhitha jien, biex niffrankaw il-flus. Il-genituri tieghi kienu hassew illi kien ghadu kmieni wisq sabiex nitgharrsu, pero' ahna konna ddecidejna illi niehdu dan il-pass ghaliex dak iz-zmien kellna entuzjazmu kbir fir-relazzjoni taghna".*

*Illi meta jiena kont gharusa u anke qabel, meta kont nohrog mal-hbieb il-genituri tieghi, specjalment ommi, kienu dixipplinati hafna dwar il-hin illi jiena kont nirritorna lura lejn id-dar fil-week-end u mhux l-ewwel darba illi kienet taghmel xi xenata meta jiena kont nasal id-dar ftit aktar tard milli suppost. Nghid illi jiena u ommi ma' konniex naqblu fil-karattru u kien jkollna hafna argumenti ta' spiss. Kien hemm ukoll drabi fejn minhabba l-argumenti li kien ikollna jiena u ommi, kien jinqala' dizgwid bejn il-genituri tieghi. Ghalhekk kont imdejjqa id-dar minhabba din is-sitwazzjoni u xtaqt nallontana ruhi mill-ambjent tad-dar.*

*Illi fuq in-naha l-ohra, il-konvenut kien ukoll jgerger fuq il-genituri tieghu ghax kien jghid illi dawn kienu wisq dominanti u stretti fuqu u qatt ma' seta' jiehu decizjonijiet wahdu. Ghalhekk nghid illi kemm jiena u kif ukoll il-konvenut kellna ghagla kbira sabiex nfittxu nizzewgu u nibdew hajja ndipendenti mill-genituri taghna.*

*Illi l-genituri u qraba tieghi kienu jhobbuh lill-konvenut u kellhom certu stima lejh ghaliex kien dentist u kien bniedem intelligenti u ta' skola. Il-genituri tieghi kienu jissuportjawh hafna lill-konvenut u kien hemm drabi fejn kont inhossni f'kunflitt mal-genituri tieghi ghaliex donnhom*

*kienu jzommu mieghu aktar milli kienu jzommu mieghi, specjalment missieri.*

*Illi wara ftit taz-zmien jien skoprejt illi c-curkett ta' l-gherusija ma' kienx ta' valur kbir hekk kif kont nimmagina illi ser jtini wara dawk il-hinijiet twal ta' xoghol li kien jaghmel il-klinika u anke kont immur nghinu jiena. Waqt ir-relazzjoni taz-zwieg, il-konvenut ma' kienx jhobb jtini rigali ghax kien jarhom hela. Kien jgib ruhu b'dan il-mod anke mal-genituri u familjari tieghu u in fatti niftakar illi fil-bidu tal-eghrusija f'Jum l-0mm, Mario kien ta' lill-ommu rigal, li ommu ma' ghogobhiex ghaliex ippretendiet xi haga ahjar u kienet ghamlet xenata quddiem kulhadd.*

*Illi fil-bidu tar-relazzjoni taghna, il-konvenut kien jahdem bhala dentist l-isptar u filghaxija kien jahdem gewwa klinika, l-Imsida. Nghid illi l-konvenut kien jikri din il-klinika u dejjem xtaq illi jkollu l-klinika privata tieghu u mhux ikompli jikri. Nghid illi missieri kien xtara zewg artijiet wahda ghalija u ohra ghal ohti u ghalhekk jiena u Mario Zammit iddecidejna illi nbieghu din l-art u nixtru proprjeta' gewwa Hat-Attard u naghmlu klinika mad-dar stess.*

*Illi meta konna gharajjes jiena kont nahdem bhala segretarja f'ufficju u kont nahdem sieghat twal, ghalhekk ma tantx konna niltaqghu ghaliex Mario kien idum il-klinika sad-disgha ta' fil-ghaxija. Wara x-xoghol jiena kont immur nghinu fil-klinika pero' ma' konniex nikkomumikaw bejnietna ghaliex konna rridu nzommu certu professjonalita' quddiem il-pazjenti. Nghid illi konna nohorgu fl-week-end pero' konna noqghodu hafna attenti x'nonfqu minhabba li konna qeghdin ngemmghu l-flus ghaliex kellna dejn tal-karozza u tal-klinika.*

*Illi Mario Zammit kien jiddejjaq illi jiena kelli sieghat twal ta' xoghol u in fatti kien jgerger hafna dwar dan il-fatt. Jiena ghalhekk kont iddecidejt li nitlaq u nsib xoghol iehor b'sieghat ahjar. Il-konvenut kien ha gost b'din id-decizjoni u in fatti ma' baqax igerger ghaliex fuq il-post tax-xoghol il-gdid li kelli ma' kontx iccirkondata b'daqshekk kollegi rgiel u kont nispicca xi saghtejn qabel mix-xoghol precedenti. In fatti kont ghamilt interview ghal xoghol iehor fejn kont*

*ser inkun l-unika mara fost kollegi irgiel u l-konvenut ma' kienx ha pjacir u jiena ghalhekk kont irrifjutajt dan ix-xoghol.*

*Illi bix-xoghol il-gdid li kelli stajt immur nghin lil Mario aktar ta' spiss fil-klinika u in fatti kont bqajt nghinu anke wara z-zwieg u waqt it-tqala. Mario kien jgib l-karriera tieghu l-ewwel u in fatti lanqas fil-preparamenti tat-tieg ma' kien ta s-sehem attiv tieghu. Jiena dejjem kont immur mal-genituri tieghi ghax hu ma kienx irid jaghlaq il-klinika tieghu sabiex jigi mieghi. Jiena kont niddejjaq hafna b'dan l-agir ghaliex kont inhossni wahdi. Il-kors ta' Kana konna mmorru l-Hadd minhabba x-xoghol.*

*Illi ghamlina erba' snin gharajjes u fil-5 ta' Awissu 1995 izzewwigna. Dakinhar tat-tieg wara r-reception innotajt illi l-konvenut kien pjuttost passiv, u kellu seba' mitt sena sakemm nohorgu mill-lukanda l-ghada filghodu. Wara hemmhekk morna ghal honeymoon Londra ghal ghaxart ijiem f'hotel irhisa u mhux kif konna niffantasizzaw xhur qabel illi konna ser nqattghu l-honeymoon f'postijiet ezotici bhal Corsica a Canary Islands. Dan il-vjagg kien ibbukkjah il-konvenut u jiena ma' kellhiex l-opportunita' illi naghzel fejn stajna mmorru. In fatti l-ewwel gurnata kont ghaddejtha nibki ghaliex ma' kontx ippretendejt illi kont ser insib ruhi f'lukanda daqshekk differenti minim dik li konna fiha hawn Malta dakinhar tat-tieg. Ghall- kuntrarju, Mario kien hassu komdu u kien qalli li ma' stajniex nonfqu izjed pero' flus kien hemm.*

*Illi nghid ukoll illi gurnata qabel it-tieg, niftakar illi l-konvenut kellu problemi teknici fis-siggu dentali u ghalhekk dakinhar tat-tieg u kif ukoll matul il-honeymoon il-konvenut ghadda hafna mill-hin tieghu jahseb fuq din il-problema. In fatti konna inkarigajna lill-missieri sabiex jiehu hsieb jara illi l-haddiema jaghmlu xogholhom u jfittxu jsewwu dan is-siggu.*

*Illi waqt iz-zwieg jiena kont nirrealizza illi f'kull okkazzjoni li ghalija kienet importanti, bhal gheluq ta' snini, l-Ghid u l-Milied, il-konvenut kien jhossu nervuz u skomdu u din l-attitudni kienet iddejjaqni.*

*Illi meta zzewwigna konna noqghodu f'post temporanju peress illi konna ghadna qeghdin nirrangaw id-dar matrimonjali. Mario kien jidher kuntent pero' jiena ma' hassejtnix komda ghaliex kien post zghir u kien jifforma parti mill-klinika tieghu. Kemm il-darba konna niggieldu minhabba dan il-fatt u ghalhekk sakemm tlestiet id-dar kellna hafna tensjoni. Infatti darba minnhom Mario Zammit kien tant irrabja mieghi illi kien qasam lasta ta' xkupa fuq dahri u dan minflok urieni affezzjoni u pprova jifhimni u jikkalmani.*

*Illi meta kienet lesta d-dar u konna qeghdin nippreparaw biex immorru nghixu go fiha, xorta kien jkollna argumenti ghaliex kien jkun irid jiddetta l-gosti tieghu u infatti kienet dejjem tghaddi tieghu sabiex ma' naggravawx is-sitwazzjoni. Meta konna morna nghixu god-dar kien ghad hemm xi xogholijiet illi jridu jsiru bhat-tarag u l-hadid tat-tarag u jiena kemm il-darba kont nirsisti illi dan ix-xohgol ghandu jsir. Meta il-konvenut kien telaq huwa kien ammetta mieghi illi huwa ma' kienx ha interess sabiex jsiru dawn ix-xogholijiet ghaliex ma' kellux intenzjoni illi jkompli jghix mieghi u mat-tifel.*

*Illi fil-bidu taz-zwieg il-konvenut kien jghid illi ma jridx tfal, pero' meta jiena kont infurmajtu illi kont tqila huwa ma kienx deher daqshekk imdejjaq. Nghid illi pero' wara ftit taz-zmien il-konvenut beda juri illi kien ihossu mghallaq bis-sitwazzjoni issa aktar minhabba t-tqala. Nghid illi kienu ftit l-okkazzjonijiet fejn il-konvenut kien juri affezzjoni, anke fit-tqala lanqas kien gie mieghi ghall-visti. Peress illi huwa ma xtaqx illi nonfoq flus f'tobba huwa kien issuggerixxa illi mmur ghand tabib ossija gynaecoioglist missier kollega tieghu sabiex niffrankaw il-flus tant illi meta, wara t-twelid tat-tifel minuri Sam, jiena kont xtrajt lit-tabib flixkun whisky tajjeb u oggett ghad-dar, Mario kien ra dawn bhala nfieq zejjed u kien ghamel hafna xenati.*

*Illi nghid lili darba minnhom waqt it-tqala fis-Sajf il-konvenut kien qieghed jahsel il-karozza tieghu barra d-dar tal-genituri tieghu u jiena kont qeghda hdejh pero' ma'*

*kontx f'kundizzjoni illi nghinu u l-konvenut kien irrabja mieghi ghaliex ma' kienx jghogbu l-fatt illi jiena kont qeghda nhares lejh minghajr ma' nghin. F'okkazzjoni ohra nghid illi l-konvenut kien qieghed id-dar ghaliex kien marid bl-influwenza u filwaqt illi jiena u t-tifel minuri konna kuntenti illi kien maghna d-dar huwa kien stqarr mieghi illi kien qieghed ihossu wahdu. Dan il-kumment kien inkwetani hafna peress illi hassejt illi dan kien kumment stramb.*

*Illi jiena kont immur ghal visti wahdi jew ma' ommi. Nghid illi anke biex naghmel l-ultrasound ma kienx gie mieghi u kont mort mal-kugina tieghi.  L-unika darba li kien gie mieghi kien biex iwassalni l-isptar biex inwelled.*

*Meta kont immur wahdi ghal visti l-Isptar il-konvenut ma' kienx irid iwassalni u kont immur bil-karozza tal-linja. Lanqas kien jigi mieghi ghall-kors tal-genituri li qed jistennew tarbija, anke meta ma' kienx jkun xoghol. Niftakar darba minnhom kien wassalni l-Isptar ghall-lezzjoni ghax ma kienx ser jiftah il-klinika u minflok baqa' diehel mieghi huwa kien mar jghum wahda. F'okkazzjoni ohra waqt it-tqala konna mistiednin tieg ta' habiba kbira tieghi u l-konvenut ma' riedx jigi mieghi u kont mort wahdi. Huwa kien qalli illi ma kienux jghogbuh dawn in-nies u l-Hadd filghodu kien ipprefera jmur jghum milli jilbes glekk u ngravata fis-shana ta' Lulju. Nghid illi l-konvenut ma kienx lest illi jaghmel sagrificcji u dan probabbilment kien rizultat ta' l-immaturita' tieghu.*

*Illi nghid lili kwazi qatt ma kien jigi jixtri mieghi s-Supermarket lanqas meta kelli t-tarbija u kien jghidli jekk hemm bzonn immur darbtejn nixtri. Jiena kont inkun bit-tarbija gol-pram u bit-trolley zghir imqabbad mal-pram. meta jiena kont inkun irrid nixtri ghal gimgha shiha. Nghid ukoll illi meta kont immur nixtri dejjem kont nibza' li l-flus ma' kenux ser iservuni u ghalhekk dejjem kont noqghod attenta x'nixtri. Filwaqt illi fil-bidu taz-zwieg, il-konvenut kien jghaddili hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45.00) fil-gimgha ghall-hajja fl-ahhar taz-zwieg dan l-ammont nizel ghal hmistax-il lira (Lm15.00) fll-gimgha. Kien ghalhekk impossibbli illi jiena nixtri l-bzonnijiet tal-familja minn*

*somma daqshekk minima u ghalhekk konna limitati hafna nonostante l-fatt illi l-konvenut kien dentist u kien jaqla` introjtu tajjeb.*

*Illi meta konna mmomru nieklu dejjem kien jaghzel mill-menu bi prezzijiet gholjin aktar milli nkun ghazilt jien u qatt ma kien jaccetta li jien naghzel platt li jqum aktar flus minn tieghu.*

*Illi wara t-tqala kelli kumplikazzjonijiet u l-gynaecologist kien ordnali illi ssir operazzjoni minuri sabiex tigi kkurata l-kundizzjoni. Meta jiena nfurmajt lill-konvenut dan kien hadha kontra t-tobba li kienu invistawni peress illi huwa kien jemmen u jipprattika l-medicina alternattiva, ossija l-omeopatija, u ma kienx ried illi jiena naghmel din l-operazzjoni. Ghalhekk jiena kont konfuza u ma stajtx niddecidi jekk naghmlix l-operazzjoni hekk kif ordnat lili mit-tobba kuraniti jew niehu l-kura ssuggerita lili minn zewgi. Pero' fl-ahhar jiena wasalt ghall-konkluzjoni illi ghandi niehu l-parir tat-tobba u l-konvenut kien hadha kontrija ghax kien qalli illi jiena ma' kontx fdajtu. Huwa kien jghidli illi l-pazjenti tieghu kienu jafdawh u martu ma' kenitx tafdah. Il-konvenut kien baqa' irrabbjat dwar din il-haga ghal zmien twil anke sa qabel ma telaq mid-dar.*

*Illi nghid illi l-festa tal-Maghmudija l-konvenut ukoll raha zejda u sar kollox ta' bil-fors u bl-inqas infieq possibbli. Minn naha wahda kien hemm il-genituri tal-konvenut illi kienu qeghdin jinsistu mieghi illi ghandi naghmel festin sabih ghaliex il-famlijari kienu tawna rigali sbieh u minn naha l-ohra l-konvenut kien qieghed jinsisti illi ghandna biss naghmlu ftit sandwiches u pastizzi. Jiena ma' stajtx niccaqlaq mid-dar ghaliex kont ghadni ma' niflahx u ma stajtx immur nordna l-ikel. In oltre, peress illi l-konvenut ma' kienx jghogbu l-alkohol allura ma kienx jinteressah illi jordna xorb alkoholiku ghall-mistiednin. Ghalhekk l-ghada bdew jcemplu l-familjari tieghu sabiex jigbduli l-attenzjoni dwar dan il-fatt u jiena kelli noqghod niskuza ruhi maghhom meta kien il-konvenut illi kien insista illi naghmel festin zghir u limitat. Il-konvenut kien tal-opinjoni li peress t-tarbija ma' tifhimx allura ma' kienx hemm ghalfejn ahna naghmlu festin u nonfqu l-flus u kienet*

*ghaddiet tieghu ghaliex jiena ma' kontx f'sahhti u ma' ridtx naqla' l-inkwiet.*

*Illi nghid illi mhux l-ewwel darba illi l-konvenat kien aggressiv waqt xi argument li kien jkollna. F'okkazzjonijiet minnhom gieli kisser affarijiet prezzjuzi, fosthom affarijiet li jien kont qlajt fit-tieg u li kien jaf illi kienu ghal qalbi. Wara illi kien ikissirhom huwa ma kienx jerga' jixtri ohrajn biex jirrimpjazzhom u din l-attitudni kienet twegghani hafna.*

*Illi nghid illi l-konvenut kien jinteressa ruhu hafna fil-medicina alternattivi u wara z-zwieg kien beda` jmur kors ta' l-omeopatija li dam madwar tlett snin. Huwa kien applika ghal scholarship u infatti f'Novembnu 1998, il-konvenut kien tela' ghal tlett xhur l-Indja. Jiena dejjem kont ninkoraggih u kont nuri interess f'dan l-istudju u meta l-konvenut kien qalli dwar dan l-ischolarship jiena kont ghidtlu biex imur. Pero' meta l-konvenut gie lura Malta kien gie b'certu idejat kulturali differenti u kien beda` jiffissa. Per ezempju kien beda` jiffissa illi ried izid ma' l-ikel certu spices u meta jiena kont ninsa' inzidulu ma' l-ikel kien juri illi ma kienx qed jiehu pjacir li m'ghamiltx dak li kien ordna hu. Nghid illi l-konvenut huwa tip ta' persuna dominanti u jrid kollox kif irid hu.*

*Illi nghid illi l-konvenut kellu vizzju jwaqqani ghac-cajt quddiem in-nies sabiex lilli jgaghlni nhossni skomda. In fatti kellna habiba illi kull meta kienet tigi d-dar taghna kien jaghmel minn kollox sabiex jkun ic-centru ta' l-attenzjoni u lili jhallini barra mill-argument jew jwaqqaghli l-argument quddiemha.*

*Illi ftit wara li gie Malta mill-Indja huwa beda jmur kors dwar l-akupuntura liema kors kien dam madwar tliet xhur. Maz-zmien bdejt ninduna illi l-konvenut kien qieghed iqatta' aktar zmien jipprattika dawn il-kuri u kien qieghed jaghtihom wisq importanza filwaqt illi kien qieghed dejjem juri inqas interess fil-familja. Kien qisu jrid isib triq ohra u llum nirrealizza illi ma' kienx kuntent f'hajjtu. Kien anke jgerger dwar il-professjoni tieghu ghax kien jghid illi huwa kien kostrett illi jaghmel il-kors ta' dentist. Nghid illi nonostante l-fatt illi kien tajjeb fil-professjoni tieghu ma'*

*kienx ihossu sodisfatt u kien ghalhekk illi kien jaghmel hafna korsijiet sabiex isib lilu nnifsu.*

*Illi f'Mejju 2000 il-konvenut kien mar kors tal-Yoga ta' tlett gimghat Ibiza u meta gie lura kien beda` jaghti lezzjonijiet privati lin-nies. Tliet xhur wara l-konvenut kien ippropona illi nbiddlu d-dar u nixtru dar ohra ikbar li maghha seta' jkollna kumpless bi klinici u spazju ghal terapija ta' medicina alternattiva, ossija "Spa". Nghid billi din kienet ilha fuq mohhu ghaliex kien dejjem johlom illi xi darba jiggestixxi centru ta' dan it-tip, pero' jiena kont konxja tal-fatt illi dan il-progett kien jirrekjedi hafna flus u ghalhekk kont rajtha ftit impossibbli li ssir pero' kont accettajt.*

*"Illi nghid illi pero' xahar wara illi kien ippropona dan il-progett huwa ammetta mieghi illi kellu hbiberija ma' mara ohra, bl-isem ta' Shirley illi jiena kont nafha minn mindu konna tfal. Jiena dak il-mument ma' immaginajtx illi kienet tfisser aktar minn habiba ghalih din it-terza persuna ghaliex il-konvenut meta kien qalli biha ma kienx jidher illi qieghed jahbi xi haga u kien jidher normali. Il-konvenut ma kienx urieni illi qieghed jaghmel xi haga hazina fiz-zwieg pero' imbaghad bdejt ninduna illi dak li ried jfisser il-konvenat kien illi huwa kellu relazzjoni ma' din il-mara ghaliex fl-week-end kien jghidli illi kien ser johrog maghha.*

*Illi meta fl-ahhar taz-zwieg, il-konvenut iddecieda illi kellna nixtru karozza ghalija huwa kien qalli li issa kien kiseb il-liberta' tiegha. Nghid illi l-konvenut kien ha jghidli illi ghad jasal zmien meta huwa kien ser jitlaq lili u lit-tifel u kien jghid li ta' erbghin sena kien ser jibda' hajja gdida, pero' minflok bdiha ta' erbgha u tletin sena meta huwa telaq mid-dar lejn l-ahhar ta' Novembnu 2000.*

*Illi l-konvenut kien jara lili u lit-tifel bhala piz ghaliex huwa kellu hafna interessi ohra f'hajtu illi kienu jigu qabel il-famlija. Jien qatt ma stajt nghid li kien l-akbar habib tieghi peress illi ma kontx nista' nitkellem onestament mieghu. Meta kont inkun ferhana, kien jara kif jaghmel biex ihassarli l-ferh. Il-konvenut kellu idejat strambi fuq religjon, quddies, maghmudija u precett. Kien jghid illi zzewweg fil-Knisja minhabba fija u minhabba l-genituri tieghi u*

*ghalhekk jiena kont immur il-quddies wahdi. Nghid in oltre illi kien hemm ukoll drabi fejn il-konvenut kien jimponi fuqi illi ma' mmurx il-quddies.*

*Illi nghid illi qabel ma' sseparajna, u cjoe' lejn l-ahhar ta' Novembru 2000 meta huwa telaq mid-dar konjugali, l-konvenut mar jghix ma' l-imsemmija terza persuna ma' min ghandu relazzjoni u recentement kellhom anke tarbija."*

Illi minbarra l-afidavit ta' l-attrici gie prezentat ukoll affidavit ta' omm l-attrici **Therese Cilia** li spejgat li kien ikollha argumenti ma' bintha dwar il-hrug izda jidher li kellhom pjacir bil-konvenut u anke ghenuh finanzjarament, ghalkemm skond huma huwa qatt ma kien konnoxxenti lejhom u kien jehodhom *'for granted'.* Huma oggezzjonaw ghall-fatt li l-gheurisja saret f'qasir zmien u x-xhud ikkumentat li dwar il-preparamenti taz-zwieg hadet kollox hsieb l-attrici u l-konvenut ma kien xejn entuzjast. Sostniet li lanqas hasset li kien sew li ftit wara t-twelid tat-tarbija, il-konvenut mar ghal kors l-Indja ghal tlett xhur, izda dan konsistenti mal-karattru tieghu peress li jidher li l-istess attur kellu hafna interessi fosthom gym, body building, yoga u x-xoghol u lill-attrici ftit kien jaghtiha importanza tant li lanqas ma kienet tqila ma ha xi interess partikolari. Huwa kien joggezzjona wkoll ghall-funzjonijiet religjuzi.

Illi l-**konvenut** fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Illi qabel ir-relazzjoni tieghi ma' Bernadette, jien kont f'relazzjoni ohra ta' erba' snin ma' Lilian, fejn kelli nittermina l-istess relazzjoni minhabba pressjoni mill-familja tieghi peress li oggezzjomaw ghall-fatt li din it-tfajla Lilian, ma kenetx tigi minn familja ta' certu livell socjali. Niftakar li missieri li dak iz-zmien kien Head of Department is-Sixth Form kien hadha bi kbira hafna li l-familja taghha kellha laqam, u li missierha kien handyman ma' kumpanija privata. Dan il-fatt kien wegghani hafna ghar-raguni li hassejt li ma kellix id-dritt naghzel is-siehba tieghi.*

*Illi kuljum kienu jghiduli li hija ma kenitx tat-tip taghna. Izda ladarba kienet waqfet ir-relazzjoni, tfajtha warajja u ppruvajt nibni relazzjoni ohra izda kien fatt li ghall-familja tieghi il-pozizzjoni socjali u l-att finanzjarju kienu ta' mportanza kbira, tant li kienu jiehdu precedent fuq l-abbilta` tal-persuna li tkun kapaci taghti u turi affezzjoni, tikkomunika, taf thobb u aspetti ohra ta' importanza biex tkattar relazzjoni. Infatti missieri kien jaghmel ricerka fuq it-tfajla li kont inkun nohrog maghha u jien cert li l-istess ghamel fuq Bernadette.*

*Inhoss li dan kollu affettwa l-gudizzju tieghi fuq l-ghazla li ghamilt ghaz-zwieg tieghi. Ghalija kien importanti hafna li noghgob lilhom u b'hekk ma nwegghahhomx. Ghall-genituri tieghi jien kont l-ezempju tal-familja billi jien kont dejjem kapaci nilhaq l-aspettativi taghhom, f'dak li huwa studju u hajja socjali; ghalhemm xorta wahda ghalihom qatt ma kien bizzejjed. Huma persistenti hafna u jekk kont naghmel xi haga li lilhom ma toghgobhomx ma kenux joqghodu bi kwiethom sakemm inbiddel din ix-xi haga biex nikkuntentahom; jibqghu jimmartellaw fih sakemm iccedi, ezempju ta' dan hi Lilian, il-girlfriend li kelli. Ghalhekk matul l-gherusija taghna, jien kont kuntent ghall-fatt li Bernadette kienet accettata mill-ewwel mill-familja tieghi ghax kienet tilhaq dawn l-aspettativi, fattur dan illum nirrealizza li kien kritiku u deciziv biex izzewwigt lil Bernadette.*

*Illi haga ohra li nixtieq insemmi kien li ghalkemm jien kelli hamsa u ghoxrin (25) sena meta ltqajt ma' Bernadette, jien kont immatur fejn jidhlu relazzjonijiet mas-sess oppost. Ghalkemm jien qattajt hames (5) snin ma' Lilian, din ir-relazzjoni kienet ibbazata fuq 'companionship'. Infatti, ahna konna nqattghu bicca kbira mill-hin taghna flimkien nistudjaw. L-erba` (4) snin li qattajt ma' Bernadette, kienu bbazati aktar fuq 'deadlines' ta' xoghol u responsabbilta` kif titlob bini ta' klijentela u 'pain management' fil-hajja ta' kuljum ta' dentist. Ma' Bernadette kienet it-tieni relazzjoni serja tieghi u jien kelli gudizzju fqir wisq ta' kif ghandha tkun relazzjoni ma' siehba li se tohodha ghal hajtek.*

*Illi jien kont inhossni ippressat mill-familja taghha biex nizzewwgu bil-Knisja (ta' min isemmi li missierha kien missjunarju fl-Indja). Lanqas ghazla ghall-arrangamenti tat-tieg ma kelli. Kellna relazzjoni 'normali' fejn konna niltaqghu l-aktar fil-'weekend'. Matul il-gimgha konna niltaqghu ghal waqtiet qosra minhabba l-esigenzi a l-pressjoni tax-xoghol. Fil-weekend, kemm il-darba kont inkun xoghol l-isptar jew il-klinika meta jkun hemm xi emergenza. Ghalhekk qatt ma qattajna gurnata shiha flimkien qabel iz-zwieg. L-uniku cans li kien hemm biex nitkellmu u nkattru r-relazzjoni taghna kien filghaxija wara l-klinika, izda hi kienet tidhol kmieni d-dar, ghax jekk kienet tasal tard ommha kienet issakkarha barra u taghmillha xenata. Ghaldaqstant il-hin li konna nqattghu flimkien kien ftit wisq biex ahna nsiru nafu lil xulxin sew fil-fond u nibnu relazzjoni ta' mhabba profonda. L-istess spiccat taghmel Bernadette li mhux l-ewwel darba li sakkritni barra fil-gnien jew fil-bitha, meta kienet tkun irrabjata.*

*Illi li naghti lili nnifsi biex nghin lin-nies hija kwalita` li jiena nhaddan. Meta ltqajt ma' Bernadette dan ghamiltu maghha ukoll. Ta' min isemmi li meta ltqajna, Bernadette kellha hafna problemi emozzjonali, bhal nuqqas ta' mhabba minghand ommha, kienet tbati minn 'mood swings' qawwija, kellha problemi ormonali fejn ghal hafna snin kellha tiehu kontracettivi, etc. Dawn il-problemi mhux tallli ma kenux ta' deterrent, anzi kienu l-formula ezatta biex jien nithassarha u naghti lili nnifsi kompletament lilha biex nghinha tohrog minnhom. Jien dan kont naghmlu b'impenn, u mhabba kbira.  Bernadette ghadha t-tifla zghira li trid min jieha hsiebha.*

*Illi meta ltqajt maghha u sakemm izzewwigna, id-decizjonijiet konna nehduhom jien u missierha.  Il-parir tieghu qatt ma kien nieqes u dejjem kien siewi hafna. Dan huwa kuntrast ghall-fatt li ghal Bernadette qatt ma kienet tigi naturali li tiehu decizjonijet. Dejjem kien ikun sforz fuq in-naha taghha ghax kienu jqanqlu hafna ansjeta' fiha. Mhux talli hekk, izda hi ma kienetx tiehu pjacir li jien u missierha mmorru tant tajjeb flimkien. Hemm numru ta' decizjonijiet li ttiehdu, fosthom l-ghazla tad-dar*

*matrimonjali, l-ghazla li nitlaq mix-xogbol mal-Gvern u nespandi l-klinika zghira tieghi ghal klinika akbar f'lok iehor, u x-xiri tal-klinika l-gdida u l-armar taghha. Il-pariri ta' missierha kienu siewja. Wara z-zwieg id-decizjonijiet kont nehodhom jien. Ghaliha qisha ma kienet taghmel l-ebda differenza. L-importanti kien li kellha min jiehu decizjonijiet ghaliha qabel iz-zwieg lil missierha, u wara z-zwieg lili.*

*Illi prova ta' dan hu li Bernadette qatt ma hasset il-bzonn li tippartecipa b'mod attiv fil-hajja tax-xoghol tieghi. Jista` jaghti l-kaz li hi ma kenetx tajba biex tahdem fi klinika bhala assistenta, izda qatt ma stajt nifhem ghaliex anke fil-bzonnijiet klerikali li kien xoghol li hi kwalifikata biex taghmel, xorta ma kenetx tmidd idejha wisq. Niftakar, darba ippruvajt nhalli f'idha biex izomm il-flus hi lill-pazjenti u kont bqajt skantat kif hadet 36 centezmu ghall-intervent ta' mili ta' sinna.*

*Illi kienet tigi l-klinika tieghi wara li tispicca mix-xoghol taghha, izda aktar kienet toqghod fil-waiting-room tara l-magazines milli tghini. Kien aktar tard, wara z-zwieg, meta jien mort nistudja l-medicina l-India, u ghalhekk dhalt aktar fil-fond fil-psikologija u f'religjonijiet ohra, li jiena rrealizzajt kemm ir-relazzjoni tieghi ma' marti kienet u baqghet wahda superficjali minghajr l-element ta' 'sharing'. Huwa ghalhekk li jien kont inhossni wahdi anke fil-presenza taghha.  Kien ikolli nlahhaq mal-bzonnijiet tal-pazjenti, mat-tmexxija tal-klinika f'dak li huwa ordnijiet ta' materjali, kif ukoll max-xoghol kollu klerikali bhal 'book-keeping', income tax returns, etc. Wara z-zwieg zdiedet ukoll it-trobbija ta' Sam. Kont inhossni li ghandi jkolli impenn kbir fit-trobbija*
*tieghu, mhux biss ghax ovvjament huwa ibni, izda ghaliex hi kienet thallih ghal hinijiet twal rieqed, u meta kien ikun imqajjem thallih wahdu quddiem it-television. Dan jirrifletti l-karattru taghha li ma tafx taqsam ma' haddiehor, u kif ma kenetx tinvolvi ruhha bizzejjed mieghi, hekk ukoll ma kenetx tinvolvi ruhha fit-taghhim u fl-izvilupp tat-tifel. Prova ta' dan huwa li t-tifel kellu kwazi sentejn meta beda` jimxi, kien jibza` jirkeb fuq tricycle, u ta' tliet snin maghluqa kien ghadu mhux toilet-trained. Ma kienx jaf la nursery rhymes,*

*la jpingi u lanqas jikteb. F'dan iz-zmien kollu hija kienet id-dar.*

*Illi minhabba l-problema taghha li tinqata' ghaliha wahedha, qatt ma setghet tifhem il-bzonnijiet li jkollu ndividwu biex jitkellem u jiddiskuti, u meta kont nipprova ma kienx ikolli rispons minghandha. Kien hemm zminijiet li ma kontx inkun nista` norqod bil-lejl minhabba xi decizjonijiet importanti li kelli niehu, bhal per ezempju xi korsijiet ta' studju, xi kazijiet fuq ix-xoghol, u meta dan kien jigri mhux talli ma kenetx tismaghni u tkellimni, izda kienet issir isterika, tibda` tirrabja u tkeccini mis-sodda ghax kienet tkun trid torqod.*

*Illi waqt l-gherusija, Bernadette kellha hafna holm bhal per ezempju li ahna mmorru ghal honeymoon f'xi destinazzjoni ezotika, li jkollna dar sabiha, etc. Biz-zwieg, hi lahqet il-holma taghha bhala l-mara ta' professjonist, fejn hi ma tkun nieqsa minn xejn. Jien ma kelli xejn kontra li hi tkun mara tad-dar, infatti kont jien stess li nkoraggejtha titlaq minn fuq ix-xoghol waqt it-tqala biex tkun tista` tibda` hajja aktar rilassata, pero' qatt ma mmaginajt li lanqas dawn id-doveri sew ma kienet ser taqdi.*

*Illi hi qatt ma apprezzat il-fatt li kellna d-dejn fuq il-karozza, fuq il-klinika u fuq id-dar, u ghalhekk ma stajniex ikollna certu lussu, u forsi ghalhekk haditha tant bi kbira li morna Londra biss ghall-honeymoon. Wara kollox, ghalkemm hi kienet ilha snin tahdem ta' segretarja ma' Avukat u kellha paga tajba, ma kellha kwazi xejn imfaddal. Il-fatt li ghamilna certu zmien nghixu f'post li kienet parti mill-klinika dentali kien idejjaqha hafna, u ghalhekk jien kelli pressjoni kbira biex nixtru dar u nlestuha fl-iqsar zmien possibli. Dan gieghelni nahdem aktar hinijiet twal, izda jien dan ghamiltu biex nikkuntenta lilha u naghtiha d-dar li dejjem xtaqet, bl-inqas dejn possibli. Kien ta' stress qawwi ghalija li nonfqu aktar milli naqilghu, izda ghaliha dan ma kienx jaghmel differenza ghax peress li ma kenetx tippartecipa fix-xoghol mieghi lanqas biss kellha ideja ta' l-ispejjez involuti fit-tmexxija tal-klinika, u kienet tara biss l-introjtu. Huwa ghalhekk li minn dejjem kienet tippretendi*

*certu lassu, bhal per ezempju li c-curkett ta' l-gherusija jkun ta' certu valur.*

*Illi ohra mill-'holm' taghha u li kienet tirritani kienet il-'crush' li kellha fuq Pierce Brosnan, attur famus 007. Ghall-fatt li jien professjonist kienet tippretendi li jien ghandi nilbes u nagixxi fl-istess mod bhal dan l-attur, dejjem issettjat. Dan juri kemm hi kienet immatura u ghalkemm izzewget u saret omm, dawn l-infatwatzonijiet ta' adoloxxenti qatt ma ghaddew. Meta konna gharajjes kont inhoss li qeghda tonqosni izda qatt ma stennejt li din ser tibqa` hekk wara z-zwieg Sar-ritratt tieghu mal-fridge kienet twahhal.*

*Illi infatti holma ohra kienet li kienet tahseb li z-zwieg huwa kif ipenguh fis-soap operas; li liebsa pulit u perfett u 'made-up' minn filghodu, noqghodu rilassati quddiem it-TV jew fi gnien, norqdu wara nofs-in-nhar, nohorgu kull filghodu, nieklu barra etc. Jiena bniedem li ma nhobbx formalitajiet, u specjalment wara gurnata xoghol inhobb noqghod rilassat u nilbes casual hafna. Dan lilha ma kienx jogghobha u gieli rreferiet ghalina bhala l-'Lady and the Tramp'. Dan ghalija kien nuqqas ta' rispett lejja u wirja ta' kemm l-imhabba taghha lejja kienet wahda superficjali. Ghaliha l-importanza kienet ta' kif tidher hi, a kif nidru flimkien fis-socjeta' biex ghal ghajn in-nies inkunu l-koppja idejali li ma jonqoshom xejn.*

*Illi meta ahna zzewwigna, jien ma kont imdejjaq xejn ghall-fatt li hi ma setax ikollha tfal, izda meta bdejt nistudja l-omeopatija, kont ippruvajt infejjaqha mill-problemi ormonali li kellha permezz ta' din il-medicina flimkien ma' tabib u kollegi ohrajn. Fil-fatt irnexxieli, tant li hi harget tqila bit-tifel taghna Sam (li incidentalment semmejnieh ghall-fundatur ta' l-Omeopatija, Samuel Heihnemann); ara Sunday Circle mhemuz. Jien kont ferhan hafna bit-tqala, u ma kont bl-ebda mod nhossni qed nonqos mir-rispett meta ma mortx ghall-laqghat tat-tqala ghal-genituri. Kont u ghadni nhoss li bhala bniedem mediku ma kellix nattendi ghal dawn il-laqghat. Kien aktar importanti li nahdem issa li konna ser nizdiedu fil-familja, milli mmur nisma` affarijiet li kont diga` nafhom. Safrattant, mhux talli kont hemmhekk*

*waqt it-twelid tat-tifel, izda kelli nkun jien biex nghin lill-midwife minhabba xi kumplikazzjoni li nqalghet ghad-dannu ta' hajjitha u hajjet it-tifel. Ukoll inzied li jiena xtaqt naghmel follow-up ta' Sunday Circle wara t-twelid ta' Sam tant kont ferhan bih, izda hija opponiet.*

*Illi wara t-twelid, peress li hi kienet thossha ghajjiena ghax kellha 'partly retained placenta', kont nghinha f'kollox f'dak li hu xoghol tad-dar, kura tat-tarbija kemm bil-lejl u kif ukoll bi nhar, u xiri ta' bzonnijiet fid-dar; dan wara li naghmel kollox wahdi l-klinika. Din il-haga ndrat u bqajna dejjem bir-rutina li f'nofs in-nhar nitma' t-tifel jien (kienet tghid li jibqghala fuq l-istonku ghax ma kienx ihalliha tiekol fil-paci). Filghaxija ukoll kont nitma` t-tifel jien mill-ikla li kont nipprepara ghalija u nraqqdu.*

*Illi m'inix qed nghid hekk ghax kont niddejjaq, izda waqt li jiena kont qed naghmel dan, hi kienet tkun qeghda tara t-television f'kamra ohra. Din li tinqata' ghaliha wahedha kienet xi haga li kienet issir ta' spiss, anke meta kienu jigu jzuruna tal-familja. Din il-haga kienet prezenti wkoll qabel iz-zwieg; meta konna mmorru ghand ohti Nathalie Ellul, hi ma kenetx tithallat u titkellem maghna, izda kienet titla` fuq hdejn it-tfal t'ohti u toqghod tpacpac maghhom.*

*Illi b'rizultat ghall-fatt li jien kont inhossni wahdi kemm waqt li nkun wahdi u kemm waqt li kont inkun maghha, kont bdejt naghti aktar hin lill-pazjenti tieghi, u nammetti li kont nippreferi nircievi rispett minghandhom milli nigi njurat waqt li nkun id-dar. Bdejt nistudja u nipprattika medicini alternattivi, ghax kont irrid inkun kapaci naghti trattament aktar komplet. Tant kont qieghed inhossni mdejjaq li kont bdejt nahseb li kienet il-professjoni tieghi ta' dentist li kienet qeghda ddejjaqni u ghalhekk ukoll kelli l-hsieb li nwaqqaf il-professjoni tieghi ghal kollox u nipprattika dawn il-metodi pjuttost godda ghal pajjizna. Kien meta jien tlaqt mid-dar u s-siehba gdida tieghi telqet ix-xoghol taghha biex tghin lili fil-klinika, li bdejt nirrejalizza li ma kienx id-dentistry izda l-fatt li kont inhossni wahdi qisni qieghed ma' katavru haj.*

*Illi ghaldaqstant f'dak iz-zmien ta' incertezza mill-professjoni tieghi, kont iddecidejt li jien u Bernadette nixtru dar kbira fejn noffru dawn it-tip ta' terapiji. Sibna dar Hal-Ghaxaq u ghamilna konvenju twil apposta biex ma jkollniex hafna dejn. Qabel accettat, Bernadette sabet id-diffikulta` stramba li Hal-Ghaxaq kien il-boghod hafna mill-Hamrun (Mile End) fejn joqghodu l-genituri taghha meta fil-fatt Haz-Zebbug, ir-residenza taghna dak iz-zmien kien iktar il-boghod mill-Mile End, u hi diga` kellha l-karozza taghha. Wiehed jahseb li aspirazzjonijiet godda jqanqlu biza' kbir fiha li johonqulha l-kapacita' li tippartecipa fil-hajja ta' bejnietna.*

*Illi jien minn dejjem ghintha f'dak li xtaqet taghmel u ezempju car ta' dan huwa li wara li hi gabet il-kwalifika ta' Beauty Therapist, applikajt ghall-permess biex niftahilha Salon bhala estensjoni mal-klinika dentali. Wara li l-permessi gew approvati, hi ddikjanat li ma xtaqitx tahdem ta' Beauty Therapist, u wisq aktar fl-istess post mieghi. Xewqa ohra taghha kienet li tghallem il-lingwa Ingliza lill-barranin u ghalhekk jien hallastilha ghall-kors u kont immur inwassalha ghall-lezzjonijiet. Wara li gabet il-kwalifika, regghet ma ghamlet xejn biha.*

*Illi dan il-biza` kbir kien manifest ukoll waqt il-hlas ta' Sam, waqt il-mumenti zghar li kienet tipprova tghini fil-klinika bhala assistenta, u meta konna kemm il-darba iddiskutejna il-prospett li naghmlu Beauty Salon fl-istess bini tal-klinika biex nahdmu flimkien. Minhabba f'hekk, jien kont inhossni mhux biss qed naqdef wahdi f'kollox, imma wkoll l-aspirazzjonijiet kienu mahnuqa minhabba in-nuqqas ta' partecipazzjoni parallela minn naha taghha. Jien nammetti li kelli nkun dominanti biex hi ticcaqlaq, ghax hi ma kenitx kapaci tiehu decizjoni waheda. Forsi hawnhekk nistenna li jien ridt li hi taqla l-hobza taghha, izda l-fatti kienu li kont nippreferi nahdem anqas sieghat u bix-xi haga li ddahhal hi nkun nista naghmel hekk facilment. Pero', il-glieda li kelli fiha kienet li meta xi darba kont nitlaq kmieni mill-klinika, hi ma kenitx tiehu pjacir. Infatti qatt ma gergret ghas-sighat twal li kont nghaddi barra mid-dar, anzi ma riedet taghmel xejn biex tghini*

*nnaqqashom. Dan kollu kien igieghelni nahseb li hi kienet komda d-dar u ma riedetx tibdel il-hajja taghha.*

*Illi ta' min wiehed isemmi li kull darba meta kienet ghadha d-dar kellha xi xewqa, ommha kienet tohnoqhieha minhabba li fil-fatt ommha tbati minn newrozi u hija kumpulsiva, u qieghda fuq medikazzjoni minhabba f'hekk. Dan sirt nafu wara z-zwieg. Kif diga` semmejt qabel, ommha kienet issakkarha barra jekk taqbez il-hin; kienet twaqqaghha ghac-cajt quddiem in-nies, tghidilha li ma hi kapaci ghal xejn, u ddahhal il-pika bejnha u bejn ohtha.*

*Illi jien kont inhossni li gejt ingannat mill-familja taghha, specjalment minn missierha, fejn dejjem taghni l-impressjoni li l-ahwa Cilia kienu familja maqghuda w unita u qatt ma kellhom xi jghidu. Fil-fatt dan ma kien minnu xejn, ghaliex mhux talli kellhom zewg kumpaniji separati ghax l-ahwa kienu ma ftehmux fuq xoghol, izda kienu jiltaqghu biss formalment f'xi okkazjoni bhal xi tieg jew xi okkazjoni darba fis-sena. Ghalija kien importanti li nifforma parti minn familja maqghuda ghaliex minn naha tal-familja tieghi, jien u hija konna l-izghar ulied (ohti kienet ghaxar snin akbar minnha) u ghalhekk dejjem trabbejna wahedna minghajr kugini. Zijiet minn naha t'ommi ma kellix ghax kollha msiefrin u l-wahda li hawn tghix hawnhekk m'ghandhiex tfal. Minn naha ta' missieri hutu huma kollha kbar fl-eta, u z-zija li konna qrib taghha kellha t-tfal ta' mpar ohti, li meta kibru ukoll siefru kollha. Ghalhekk ix-xewqa tieghi li nhossni parti minn familja kbira u maqghuda kienet importanti, u ghalhekk kien ta' dizappunt kbir ghalija meta sirt naf li ma kenux kif gieghluni nimmagina li kienu.*

*Illi lejn it-tmiem taz-zwieg taghna kienet marret tahdem ghal perjodu qasir f'hotel u niftakar li hadt ghalija meta giet tistaghgeb u tfahhar kollega taghha Tabib ghax studja l-omeopatija, l-akupantura, etc. Dawn kienu kollha parti mill-professjoni tieghi izda lili qatt ma ratni bhala esklussiv, wisq anqas tfahharni ghall-kapacitijiet tieghi. Dan kienet taghmlu wkoll qabel iz-zwieg, fejn kien jimpressjonaha l-fatt li tant nies kienu jfittxu s-servizzi ta' l-imghallem taghha li kien avukat, izda l-fatt li lili bhala dentist kienu*

*jfittxuni hafna nies ukoll, ma kenetx taghmlilha ebda differenza. Ezempju iehor parallelu ta' dan hawa l-attur Pierce Brosnan li ghaliha kien il-partner ideali. Peress li jiena ma kont xejn simili ghalih, in-nuqqas ta' rispett kien ovvju.*

*Illi minn mindu ltajqna kien importanti hafna l-ammont ta' flus li naqla`. Il-fatt li jien professjonist u nahdem ghar-rasi kien igieghelha timmagina li kont naqla` hafna flus u ghalhekk ma kellniex ghalfejn noqghodu bil-ghaqal. Kienet tirribella ghal kull forma ta' kontroll li kien ikolli naghmel fuq l-infieq ghax li kien ghaliha tonfoq kull sold li kont naghtiha. Meta kien hemm granet fejn kont nispicca xi naqra kmieni mill-klinika, u meta kien hemm granet fejn ma kontx nidhol bl-iskop li nqatta` aktar hin mal-familja kienet tiehu qatgha u kienet tirrimarka 'Prosit hej, daqshekk hdimt illum, jew mhux sejjer illum'.*

*Illi Bernadette hija ta' karattru esplussiv hafna, u kif ma taqbilx ma xi haga li tghidilha jew tipprova issus warajha biex taghmel xi haga, issir isterika u xi kultant anke aggressiva. Dan kienet ghamlita anki fl-ewwel zmien ta' l-gherusija fejn konna ma' grupp ta' hbieb, u ghax hi ma poggietx quddiem fil-karozza hdejja, dahlet wara u biex tpattihieli gibditli xaghri. Ghalkemm dan l-att hasadni, jiena ma tajtx kaz ghax hsibt li kienet xi haga ta' darba a mhix ser tirrepeti ruhha izda mort zball. Mhux l-ewwel darba li hatfitni qaddiem in-nies, kollegi u tal-familja, jew giet ghalija biex tigbidli xaghari, tigrifni u taghtini bil-ponn. Lanqas tista` temmen li persuna tant kalma tant tinbidel u ssir l-oppost f'kemm ilni nghidlek. Kien jitlaghla malajr u ghax darba konna waqt riceviment fejn hi ppretendiet li ghandha tigi servuta dak li riedet u ma kienx hemm, bdiet tghajjat u titkeliem hazin quddiem in-nies u li ohti waqqghetilha wiccha l-art ghax konna ma' xi hbieb taghha. F'okkazjoni ohra, ohti kienet stednitna ghall-ikel ghandha, fejn kien hemm prezenti wkoll hbieb taghha u fejn hi kienet hadet l-ordni ta' xi jrid jiekol kullhadd minn qabel. Meta pprezentat il-platt li ordnat Bernadette din bdiet tghajjat u kisritha quddiem kulhadd ghax qalet li mhux hekk kienet ordnat. L-isterizmu taghha kompla jidher anke wara z-zwieg fejn waqt li konna f'ristorant mal-*

*familja tieghi bhala get-together wara li gejt mill-Indja, xi hadd staqsiha jekk issa kenetx qed thossha ahjar li jien kont irritornajt. Hi, b'halq daqshiex, quddiem ristorant mimli nies, iddikjarat li hi kapaci tghix minghajri.*

*Illi kien hemm drabi meta sakkritni barra fil-bitha jew fil-gnien kif kienet taghmlilha ommha. L-unika mod biex ingibha lura f'sensiha kien li kisser xi haga li tkun ghal qalbha u hemmhekk hi kienet tieqaf u tinfaqa' tibki. Jien jiddispjacini hafna ta' dan u fil-fatt hallejt kollox warajja meta tlaqt mid-dar. Ilum nirrealizza kemm kienet instabbli mentalment, u ghalhekk kienet tirreagixxli b'dan il-mod. Nifhem ukoll li il-mod li kienet imrobbija fih affetwa kif kienet thares u tagixxi fir-relazzjoni taghna flimkien. Din l-instabbilita` kienet hemm wkoll qabel iz-zwieg, b'mood swings li mhux l-ewwel darba li kellha tohrog il' barra minn xi restorant biex toqghod waheda. Dan ghamlitu fil-prezenza ta' cirka ta' hbieb li konna nohorgu maghhom, li meta jien staqsejt ghaliex kienet ghamlet hekk, habiba tal-qalb taghha certu Maria Attard kienet qaltli li xi kultant tbati minn hekk. Hawn nirrealizza kemm kont immatur ghaliex qatt ma ndagajt aktar fil-fond x'kienet jikkawza dan".*

*Illi fattur iehor importanti hu li ghalkemm hi riservata hafna u thobb izzomm hafna sigrieti, tkun trid tkun taf kollox fuq kulhadd. Niftakar li meta konna gharajjes u kienet tigi l-klinika tieghi li kienet tifforma parti mill-klinika ta' Martin, ir-ragel t'ohti, kienet toqghod tqalleb fil-kxaxen personali tieghu. Infatti, Martin kien induna b'dan u kien ghamel divizorji, fejn beda` jsakkar il-parti tal-klinika tieghu biex ahna ma jkollniex access. Dan kien tefa` piz fuq ir-relazzjoni tieghi ma' Martin.*

*Illi lejn l-ahhar taz-zwieg, meta jien kont ghidtilha li kont ser nitlaq mid-dar, hi ma ghamlet xejn biex tipprova ssalva z-zwieg, anzi xorta wahda siefret ghal gimgha l-Italja. Daqshekk kien importanti z-zwieg ghaliha. Jien kont ukoll ghidtilha biex immorru ghand psikologa flimkien, izda hi qaltli biex immur wahdi ghax hi ma kellhiex bzonn din it-tip ta' ghajnuna. Dan ukoll qalitu waqt is-separazzjoni.*

Illi gew prezentati wkoll erba` (4) affidavits ohra mill-konvenut, dawk ta’ **Adrian u Elaine, konjugi Vella** (a fol. 48), ta’ **Nathalie Ellul** (a fol. 52), ta’ **Martin Ellul** (a fol. 54), ta’ **Dr. Konrad Zammit** (a fol. 55) u dak ta’ missieru, **Vincent Carmel Zammit** (a fol. 58).

**ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnha, l-attrici qed titlob li z-zwieg li gie celebrat bejnha u bejn il-konvenut jigi dikjarat null u bla effett, billi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan kif previst fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**, u billi l-kunsens ta‘ l-attrici nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, kif previst fl-**artikolu 19(1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jinqraw hekk kif gej:

**“Artikolu 19 (1)** *B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’diffett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.”*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid iIli z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward ta' l-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett tad-diskrezzjoni ta' gudizzju **"***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in "*l'immaturite" et le consentement matrimonial*"*** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its' influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus' and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000);  **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance.  The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love.  This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. **(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f)** dan jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*"colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*"finis operis"* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat

tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X, p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cjoe`' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'".*

Illi nfatti meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Av.Christopher Cilia et noe"** (Cit.Nru: 3130/96/NA – 10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-
*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi*

*parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

## iii) Apprezzament tal-Provi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kellu difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-hajja mizzewga u dan ghaliex fl-ewwel lok il-konvenut jidher car li zzewweg lill-attrici ghaliex skond huwa l-genituri tieghu kienu accettaw tali relazzjoni tieghu ma' l-attrici a differenza mill-ewwel relazzjoni li kellu ma' mara ohra, li kien hassar maghha proprju ghaliex il-genituri tieghu ma riedux jaccettaw din ir-rabta.

Illi fil-fatt mix-xhieda kollha ta' l-attrici jidher li car li l-konvenut ftit jew xejn ma kellu rispett lejha, u dan anke kien dovut ghall-fatt li l-konvenut pogga l-interessi tieghu li kienu varji qabel u fuq kollox, u mix-xhieda tieghu jidher palez li huwa dejjem ikkonsidra lill-attrici bhala inferjuri ghalih f'kollox, b'mod li jekk din ma taqbilx mieghu, jew ma turix l-istess entuzjazmu ghal dak li huwa kien qed isegwi, mela allura din ma kellha l-ebda interess ghalih, u wkoll dan f'ghajnejh kien irendi l-persuna ta' l-attrici inferjuri ghalih.
Illi dan jidher car mill-affidavit tal-konvenut stess fejn huwa qed jitkellem qisu qieghed fuq pjan superjuri ghall-attrici, u jidher car li ma kellu l-ebda element ta' mhabba lejn l-attrici, izda jidher li z-zwieg kien determinat mill-fatt li hija kienet accettata bhala s-siehba tieghu mill-genituri tieghu, li ghal bniedem li wera ruhhu tant dominanti ghall-attrici, hija sitwazzjoni tassew ironika, izda li turi bic-car li l-konvenut, sforz anke l-immaturita' ammessa tieghu, ghazel li jiehu bhala d-decizjoni tieghu dwar is-siehba fiz-zwieg mieghu, l-ghazla, jew ahjar l-accettazzjoni ta' l-attrici mill-genituri tieghu.

Illi ghalkemm il-konvenut jitkellem dwar imhabba anke fil-konfront ta' l-attrici mix-xhieda tieghu u mill-attitudini tieghu in generali jidher li din kienet verament mankanti ghal kollox, anzi jidher li l-istess konvenut lanqas rispett lejn l-attrici bhala persuna ma kellu, ghaliex dak li kien

importanti ghalih kienu biss l-interessi tieghu, u jidher li huwa kien jistenna li kulhadd jaghti l-istess attenzjoni massima lil dawn l-interessi; jekk le allura kienet il-parti l-ohra li kellha xi haga nieqsa.

Illi f'dan l-isfond jidher car li l-konvenut kellu difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga peress li zwieg veru huwa mibni fuq l-ugwaljanza bejn l-istess konjugi, haga li ghal konvenut kienet impossibbli li jikkoncepi f'dak iz-zmien taz-zwieg, u din il-Qorti ghandha d-dubji taghha jekk dan il-konvenut jirrealizzahx anke llum. Fuq kollox mix-xhieda jidher car li l-istess konvenut kellu nuqqas ta' rispett lejn l-attrici u apparti dak li xehdet b'mod konvincenti l-attrici, mid-depozizzjoni tal-konvenut jidher li huwa qatt ma seta` japprezza r-rwol ta' l-attrici bhala martu, izda dejjem bhala persuna li mhux bilfors ikollha l-istess interessi tieghu.

Illi fuq kollox jidher li dak li ddetermina l-attitudini u l-kunsens tal-konvenut f'dan iz-zwieg kien il-fatt li huwa ghazel li jizzewweg lill-attrici ghaliex din, b'differenza mal-persuna l-ohra li qabel kien johrog maghha, giet accettata mill-genituri tieghu, u tenut kont tal-fatt li din kienet ta' mportanza massima ghall-konvenut, anke minhabba l-piz li huwa stess ta lil dan il-kunsens, wassluh sabiex huwa jibbazza kollox fuq dan l-att tal-genituri tieghu, ghalkemm jidher car li huwa lill-attrici ma kellu l-ebda sentiment partikolari lejha, u *in verita'* minn dak rakkontat ma kien jaqbel xejn maghha; fiz-zwieg jidher li ta priorita' lil mitt haga ohra b'certu zelu ghall-istess interessi tieghu, li kien min-naha l-ohra fil-gran parti nieqes meta jittratta ma' l-attrici, specjalment meta hija ma kenitx turi l-istess hegga ghall-interessi varji tieghu.

Illi ghalhekk it-talba talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-

konvenut in kwantu l-istess huma kontrastanti jew inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-5 ta' Awissu 1995 huwa null u bla effett skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u sussegwentement tordna li tali nullita' taz-zwieg tigi hekk annottata fic-certifikat taz-zwieg relattiv tal-partijiet.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Illi dwar **il-kontro-talba tal-konvenut,** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tikkonferma d-decizjoni taghha dwar ic-citazzjoni attrici, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-istess kontro-talba biss in kwantu l-istess huma kontrastanti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-5 ta' Awissu 1995 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet imputabbli biss lill-konvenut abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez ta' l-istess kontro-talba kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------